MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-1 ta' Mejju, 2003

Numru. 375/2003

Il-Pulizija
(Spettur Kevin J Farrugia)
vs
Joseph Xuereb

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Joseph Xuereb, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 373947(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fid-29 ta' April, 2003, minn gewwa l-fond bl-isem "Joseph", Triq De Soldanis Birkirkara :

1. Ikkommetta serq ta' propjeta ghad-dannu ta' Falzon Dolores u terzi ohra, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, u fil-lok u dan ai termini tal-artikolu 261, 263 u 269 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Talli bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni, li ta bidu ghall-eskuzzjoni tad-delitt, billi bil-hsieb li jikkommetti serq ghad-dannu ta' Dolores Falzon u terzi

ohra mill-fond maghruf bhala “Joseph”, sitwat fi triq De Soldanis, Birkirkara, ta’ aktar minn mitt lira Maltin, izda mhux aktar minn elf lira Maltin, liema tentattiv ta’ serq huwa aggravat bil-mezz, u bil-valur, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, u dan bi ksur ta’ artikoli 41(a), 261, 263, 267 u 279 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fir-residenza “Joseph”, Triq De Soldanis, Birkirkara, ghad-dannu ta’ Falzon Dolores, liema hsara ma teccedix il-LM500, imma izjed minn LM50 u dan ai termini tal-artikolu 335(b) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. talli kellu fil-pussess tieghu jew fl-kontroll tieghu arma regolari jew irregolari cioe sikkina barra minn fond jew post li jaghmel mieghu, kif ukoll zamm u garr l-istess arma minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jirtira it-tieni imputazzjoni;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni u jibqa jsostni illi kien hati minkejja l-fatt illi l-Qorti wissietu bil-konsegwenzi ta’ l-ammissjoni tieghu u taghtu ukoll zmien xieraq sabiex jekk irid, jirtira l-ammissjoni tieghu;

Issib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tielet u ir-raba akkuzi migjuba kontrih, wara illi rat l-Artikoli 261(b), 261(e), 263, 264, 265, 266, 269, 278, 20 u 17 tal-Kap. 9, kif ukoll l-Artikolu 325(b) tal-Kap. 9 u l-Artikoli 5, 6, 7 u 19 tal-Kap. 66;

Rat ukoll l-Artikoli 370(4), 390(1), 392, 392A tal-Kap. 9;

Tikkundanna lill-imputat misjub hati kif diga intqal, ghal prigunerija ta’ sentejn, wara illi rat illi l-hati inghata diversi opportunitajiet mill-Qrati taghna sabiex jirriforma hajtu, izda minflok hataf l-opportunita, baqa sejjer bil-hajja ta’ kriminalita’.

Il-Qorti tordna l-konfiska ta’ l-arma imsemmija favur il-Gvern ta’ Malta;

Il-Qorti a tenur tal-Artikolu 392A tal-Kap. 9 tordna illi l-atti, flimkien ma kopja ta’ din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali, kif provdut fl-Artikolu 401(3) tal-Kap. 9.

--------------------------------TMIEM--------------------------------